

Brussell, 22 ta' April 2020
(OR. en)

7476/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0065 (COD)**

**ECOFIN 249
RELEX 278
NIS 4
COEST 67
MED 4
ELARG 27
CODEC 298**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 22 ta' April 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2020) 163 final

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL dwar il-forniment ta' Assistenza Makrofinanzjarja lis-sħab tat-
tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 163 final.

Mehmuż: COM(2020) 163 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.4.2020
COM(2020) 163 final

2020/0065 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-forniment ta' Assistenza Makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19

{SWD(2020) 63 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-pandemija tal-COVID-19 issa laqgħet inxterdet mad-dinja kollha. Aktar minn żewġ miljun ruħ ġew infettati, u kaġun tagħha mienu kważi 140 000 persuna li ġie kkonfermat li kienu infettati (skont id-*data* tad-WHO fis-17 ta' April). Ir-rispons inizjali qed jiffoka fuq li jiġu salvati l-ħajjiet madwar id-dinja, billi jittieħdu bosta miżuri biex titrażżan il-firxa tal-virus u biex jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa. Ħafna minn dawn il-miżuri wasslu biex is-soċjetajiet u l-ekonomiji waqfu għalkollox, iżda ma jista' jsir l-ebda kompromess bejn li jiġu salvati l-ħajjiet u l-impjiegi. Għall-kuntrarju, li l-virus jiġi kkontrollat huwa prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli, ikunx ekonomiku jew soċjali.

Qed jiġu implimentati malajr ukoll miżuri biex jillimitaw il-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi. Minkejja li qed jittieħdu dawn il-miżuri, flimkien mal-impatt ta' reċessjoni globali u stress qawwi fis-swieq finanzjarji, il-maġġoranza tas-sħab tat-tkabbir u tal-viceinat, jekk mhux kollha, huma mistennija li jidħlu freċessjoni din is-sena. Minkejja li dak li wassal għal din il-kriżi ġie kondiviż bejniethom, it-tul u l-gravità jistgħu jvarjaw, li jirrifletti kemm l-istruttura ekonomika tal-pajjiżi kif ukoll l-abbiltà tagħhom li jieħdu miżuri kompensatorji effettivi. Flimkien mal-kollass tal-kummerċ u t-tranżizzjoni fl-averżjoni għar-riskju lil hinn mis-swieq emerġenti inġenerali, ir-reċessjoni qed twassal biex il-bilanċ tal-pagamenti (BoP) tagħhom jaqa' taħt stress akut. Skont il-firxa tal-virus, kif ukoll il-konsegwenzi ekonomiċi tiegħu, hemm ukoll riskju ċar u imminenti relatat mal-istabbiltà u s-sigurtà, b'riperkussjonijiet possibbli fir-reġjun u lil hinn minnu.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi l-użu ta' assistenza makrofinanzjarja (AMF) biex tappoġġa għaxar sħab ġirien fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.

L-AMF hija parti mill-kaxxa tal-għodda tal-UE għar-rispons għall-kriżijiet esterni. Tintuża biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżijiet tal-BoP, flimkien ma' arranġament ta' żborż tal-FMI li jkun soġġett għal programm maqbul ta' riformi ekonomiċi. F'din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll **programmi ta' AMF għas-sħab li jibbenefikaw minn finanzjament ta' emerġenza mill-FMI**, li jistgħu jsiru mingħajr azzjonijiet preċedenti u/jew kundizzjonalità, bħal pereżempju permezz tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu (RFI). Dawn l-"AMF ta' kriżi" għaldaqstant se jkollhom **durata iqsar** (12-il xahar minflok sentejn u nofs) u jinkludu **żewġ żborżi biss**. L-ewwel żborż se jsir malajr kemm jista' jkun wara li tiġi adottata d-Deċiżjoni dwar AMF u l-ftehim korrespondenti dwar Memorandum ta' Qbil (MtQ) ma' kull benefiċjarju. It-**tieni żborż se jsir wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet** li se jkunu imniżżla fil-MtQ. Bħal fi kwalunkwe AMF, din il-kundizzjonalità hija speċifika għal kull sieħeb biex jiġi żgurat li tkun kompletament adegwata, fil-qafas tal-istrument ta' AMF sabiex: titrawwem l-istabbiltà makroekonomika filwaqt li tittejjeb il-ġestjoni makroekonomika kumplessiva, jissaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u jittejjbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli mġedded. Barra minn hekk, se jkun hemm bżonn li tiġi fformulata b'tali mod li jkun possibbli li tiġi implimentata, filwaqt li jitqies it-tul ta' żmien iqsar u l-kuntest tal-pandemija li hemm għaddejja.

Il-Kummissjoni Ewropea tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex **tingħata AMF lil għaxar sħab għal ammont totali ta' EUR 3 biljun**. L-assistenza tiegħu l-forma ta' self fuq perjodu ta' żmien medju.

L-AMF tal-UE proposta hija maħsuba biex tgħin lis-sħab ikopru parti mill-ħtiġijiet finanzjarji esterni urġenti tagħhom fil-kuntest tal-programmi tal-FMI li qed jiġu implimentati bħalissa, biex b'dan il-mod jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tal-bilanċ tal-pagamenti fuq terminu qasir tal-ekonomija b'rabta mal-kriżi tal-COVID-19. L-assistenza proposta tappoġġa l-istabbilizzazzjoni esterna u b'hekk tipprovdi l-ispazju politiku biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimplimentaw miżuri biex jikkumpensaw għar-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li tħeġġeġ ukoll l-implimentazzjoni ta' riformi mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika, il-governanza u t-trasparenza ekonomika, u l-kundizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli mġedded.

L-AMF proposta hija konformi mal-għanijiet tal-istrategġija li l-UE għandha għat-tkabbir u għall-viceinat. Dan għandu juri lis-sħab l-oħra fir-reġjun li l-UE lesta tappoġġahom f'dan iż-żmien ta' kriżi mingħajr preċedent. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tqis li l-prerekwiżiti politiċi u ekonomiċi għal operazzjoni tal-AMF bl-ammont propost u ta' din in-natura jintlaħqu.

L-AMF proposta tkopri r-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, il-Kosovo*, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tat-Tuneżija, u l-Ukrajna. Madankollu, is-sitwazzjoni għadha qed tevolvi, u l-kriżi tal-COVID-19 qed issir aktar u aktar diffiċli f'pajjiżi oħrajn ukoll. L-AMF għadha disponibbli wkoll għal pajjiżi eliġibbli oħrajn f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà ta' bilanċ tal-pagamenti li jistgħu jitfaċċaw aktar tard. Il-Kummissjoni se tibda wkoll diskussjoni dwar l-ambitu tal-istrument ta' AMF u kif jinteraġixxi ma' politiki esterni oħra tal-UE.

L-ammont ta' AMF huwa bbażat fuq stima preliminari tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwi tas-sħab u tqis il-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw lilhom infushom bir-riżorsi proprji, b'mod partikolari r-riżervi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom, kif ukoll ir-riżorsi pprovduti mill-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fl-Ukraina u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-UE.

Sħab tat-tkabbir

L-Albanija hija partikolarment vulnerabbli għall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi mill-pandemija minħabba r-relazzjonijiet ekonomiċi stretti li għandha ma' Stati Membri tal-UE li ġew milquta ħafna, minħabba l-importanza tat-turiżmu u l-ħtiġijiet kbar ta' rifinanzjament tagħha. Il-kapaċità limitata tas-settur tas-saħħa u l-ħsarat li saru mit-terremot ta' Novembru 2019, li diġà assorbew l-ispazju fiskali limitat disponibbli, jaggravaw is-sitwazzjoni. Minkejja dan, il-gvern malajr adotta miżuri ta' appoġġ ta' politika ta' madwar 2 % tal-PDG għall-benefiċċju tan-negozji u l-unitajiet domestiċi milquta, kif ukoll għas-settur tas-saħħa. Skont il-baġit rivedut, id-defiċit tal-gvern mistenni li jilħaq 4 % tal-PDG u d-dejn pubbliku jista' jizjed għal aktar minn 69 % tal-PDG fl-2020, minkejja li dan jidher ottimist. L-istituzzjonijiet internazzjonali qed jipprevedu li l-PDG fi prezzijiet kostanti se jinżel b'madwar 5 % din is-sena. Flimkien mad-defiċit tal-gvern, il-gvern jeħtieġ li jirrifinanzja l-amortizzazzjoni tad-dejn barrani ta' EUR 545 miljun (3,8 % tal-PDG). Dan inizjalment kien ipplanat li se jkun parzjalment kopert billi jinħareġ Eurobond ta' EUR 500-600 miljun, iżda l-

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

prospett tat-tqegħid ta' ammont daqstant għoli fis-suq jidher inċert għall-aħħar taħt il-kundizzjonijiet preżenti. Id-diskrepanza tal-likwidità wara l-appoġġ tal-RFI mill-FMI, mis-self tal-Bank dinji u l-ġhotjiet mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) tal-UE tista' tilħaq 2,5 % tal-PDG, jew madwar EUR 350 miljun. F'dan il-kuntest, l-AMF bl-ammont ta' EUR 180 miljun hija ġġustifikata.

Fil-Bożnija-Herzegovina, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 iggravat sew it-naqqis fir-ritmu ekonomiku li kien diġà għaddej, u affettwat b'mod partikolari t-trasport u t-turiżmu, iżda wkoll ir-rimessi tal-ħaddiema, li jirrappreżentaw madwar 5 % tal-PDG u li jipprovdu għajjnuna importanti, b'mod partikolari għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx. L-aħħar projezzjonijiet għall-2020 jistennew tnaqqis fl-attività ekonomika ta' madwar 10 %, b'żieda qawwija fil-qgħad. Minkejja ċifri nominali pjuttost sodi, il-kapaċità tal-pajjiż biex joħloq l-isparju fiskali meħtieġ fi żmien qasir hija limitata għall-aħħar. L-awtoritajiet Bożnijaċi diġà talbu finanzjament ta' emerġenza mill-FMI, li jammonta għal madwar EUR 330 miljun (madwar 2 % tal-PDG). It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku se jwassal għal tnaqqis kbir fid-dħul u żieda qawwija fit-trasferimenti, li se tirriżulta f'żieda qawwija fil-ħtiġijiet ta' finanzjament. L-istimi preżenti jindikaw diskrepanza tal-likwidità ta' madwar EUR 500 miljun (2,8 % tal-PDG) fl-2020, wara l-kontribuzzjonijiet tal-FMI (sa EUR 330 miljun, madwar 2 % tal-PDG) u tal-Bank Dinji (madwar EUR 20 miljun, jew 0,1 % tal-PDG). Minħabba li l-pajjiż għandu klassifikazzjoni tal-kreditu ħażina, għandu aċċess limitat ħażna għas-swieq finanzjarji internazzjonali, filwaqt li s-swieq finanzjarji domestiċi mhumiex fondi biżżejjed biex jakkomodaw dawn il-ħtiġijiet ta' finanzjament li fadal. F'dan il-kuntest, l-AMF bl-ammont ta' EUR 250 miljun hija ġġustifikata.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-għeluq relatat kellhom impatt drastiku fuq l-ekonomija tal-Kosovo permezz ta' tfixkil tal-kummerċ u tal-flussi finanzjarji. Ir-rimessi tal-emigranti, li jirrappreżentaw aktar minn 10 % tal-PDG, jiffinanzjaw parti sostanzjali mill-konsum privat, filwaqt li l-esportazzjonijiet tas-servizzi għad-dijaspora (it-turiżmu, prinċipalment), jimmitigaw defiċit kummerċjali tal-merkanzija kbira ħażna (aktar minn 40 % tal-PDG). Vulnerabbiltà oħra tal-ekonomija tal-Kosovo hija s-settur privat fraġli, li huwa ddominat minn mikrointrapriżi b'baġers tal-likwidità limitati. B'dan l-isfond, il-PDG reali huwa mistenni li jiċkien b'madwar 5 % fl-2020. Minkejja ċifri fiskali nominali pjuttost sodi fl-2019, l-isparju fiskali huwa limitat ħażna. Il-Kosovo ma għandu l-ebda aċċess għas-swieq finanzjarji internazzjonali (minħabba n-nuqqas ta' klassifikazzjoni tal-kreditu), kważi żewġ terzi tad-dejn totali tiegħu huwa miżmum minn bażi ta' investituri dejqa, li minnhom il-Kosovo Pension Security Trust u l-bank ċentrali għandhom madwar 38 % u 23 % rispettivament tat-total. It-taħlita ta' dħul pubbliku li qed jonqos, flimkien ma' pagamenti bażiċi kbira u l-miżuri ta' rispons għall-kriżi jikkostitwixxu riskju tal-likwidità akut. Il-FMI qed jistma li d-dħul tal-gvern se jinżel b'bejn 50 sa 60 % sena wara sena f'April-Ġunju, filwaqt li l-gvern interim approva pakkett ta' emerġenza ta' EUR 180 miljun. Il-bilanċ fil-bank tal-gvern, li diġà niżel għal taħt 4,5 % tal-PDG preskritt legalment, huwa mistenni li jkompli jinżel għal 2,5 % tal-PDG fl-2020. Il-Kosovo talab assistenza għal-likwidità ta' emerġenza mill-FMI ta' EUR 51,6 miljun permezz tal-RFI, li l-Bord tal-FMI approva fl-10 ta' April. Skont il-projezzjonijiet attwali, id-diskrepanza tal-likwidità residwa li fadal hija stmata għal madwar EUR 210 miljun. F'dan il-kuntest, l-AMF bl-ammont ta' EUR 100 miljun hija ġġustifikata.

Il-Montenegro huwa partikolarment espost għall-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tal-pandemija minħabba d-dependenza qawwija kbira tiegħu fuq is-settur tat-turiżmu kif ukoll il-ħtiġijiet kbira ta' finanzjament estern tiegħu. Il-Montenegro qed jaffaċċa reċessjoni serja fl-2020, u l-istituzzjonijiet internazzjonali qed jipprevedu reċessjoni reali ta' 9 % tal-

ekonomija. It-turiżmu, wieħed mis-setturi l-aktar affettwati, jirrappreżenta aktar minn 20 % tal-PDG u huwa sors ewlieni tal-muniti barranin, tal-impjiegi u tad-dħul mit-taxxa. Madankollu, il-miżuri ta' konteniment relatati mal-coronavirus waqqfu t-turiżmu u l-ivvjaġġar għalkollox, fi żmien li fih dawn l-attivitajiet kienu se jidħlu fl-istaqun l-aktar attiv. Minkejja l-ispazju fiskali limitat, il-gvern malajr adotta miżuri ta' appoġġ tal-politika ta' madwar 2 % tal-PDG biex jgħin lill-ekonomija tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija. Il-miżuri jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-ħlas differit tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet soċjali, moratorju fuq il-ħlas lura tas-self u fuq il-ħlas tal-kera għall-kiri ta' proprjeta' tal-istat, kif ukoll sussidji għan-negozji u l-ħaddiema. L-estimi preliminari tal-Ministeru tal-Finanzi jipprevedu li d-defiċit tal-gvern se jogħla għal aktar minn 7 % tal-PDG, u li d-dejn pubbliku se jżied b'2,6 punt perċentwali (pps.) addizzjonali għal 82 % tal-PDG fl-2020, l-ogħla fir-reġjun. Id-diskrepanza tal-likwidita' wara s-self mill-FMI u l-Bank dinji, u l-għotjiet tal-UE jista' jilħaq madwar EUR 120 miljun. F'dan il-kuntest, l-AMF bl-ammont ta' EUR 60 miljun hija ġġustifikata.

Fil-Maċedonja ta' Fuq, l-ekonomija ġiet imfixkla ħafna, minħabba li l-miżuri ta' konteniment soċjali estiżi qed ikollhom impatt qawwi fuq il-produzzjoni u l-impjiegi, u l-attivitajiet ta' kummerċ barrani ntlaqtet ħafna. Il-projezzjonijiet ta' bħalissa jindikaw tnaqqis fil-PDG reali ta' madwar 4 % fl-2020. Il-gvern ħa miżuri b'saħħithom u fil-ħin biex jappoġġa l-likwidita' u l-impjiegi tal-SMEs tul ix-xhur ta' April u Mejju fis-setturi li l-aktar ġew milquta. Madankollu, l-ispazju fiskali biex jiġu akkomodati l-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tal-kriżi huwa limitat. Fl-aħjar każ, il-gvern qed jistenna nuqqas ta' dħul ta' 20 % fl-2020, imqabbel mal-bagħit oriġinali, u qed jippjana li jirrialloka n-nefqa mingħajr ma jżid il-limitu massimu. Abbażi tal-PDG tal-2019, dan ikun jimplika defiċit ta' madwar 8 %. It-trasferimenti privati minn barra, inkluż ir-rimessi tal-emigranti, kif ukoll l-influssi tal-investiment dirett barrani, huma mistennija li jonqsu sew, u hekk se titbaxxa l-kopertura tar-riżerva. Barra minn hekk, fl-2020-2021, il-gvern, kif ukoll l-intrapriżi pubbliċi, qed jaffaċċaw ħtiġijiet ta' rifinanzjament domestiċi u esterni partikolarment għoljin, li b'kollox ilaħħqu EUR 1,65 biljun (madwar 7,3 % tal-PDG tal-2019 fis-sentejn li huma). Dan jinkludi l-amortizzament tal-Eurobond ta' EUR 500 miljun tal-2014, partijiet tal-Eurobond tal-2015 u tal-garanzija bbażata fuq il-politika tal-Bank Dinji tal-2013, kif ukoll il-ħlas lura ta' self kummerċjali barrani kbir tal-Intrapriża Pubblika għat-Toroq Statali, li hija inkarigata bl-implimentazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq. Il-gvern talab assistenza mill-FMI permezz tal-RFI, li tammonta għal EUR 177 miljun, kif ukoll self mill-Bank Dinji. Skont l-estimi preżenti, se jifdal diskrepanza tal-likwidita' ta' madwar EUR 330 miljun wara l-finanzjament mill-FMI, mill-Bank Dinji u mill-għotja tal-UE. F'dan il-kuntest, l-AMF bl-ammont ta' EUR 160 miljun hija ġġustifikata.

Il-viċinat tal-Lvant

Il-Georgia mistennija tidħol f'reċessjoni serja din is-sena, fost ħtiġijiet ta' finanzjament li qed jiżiedu. L-ekonomija tal-Georgia ġiet affettwata ħafna mill-kriżi tal-COVID-19. L-istimi riċenti li jqisu l-impatt tal-virus jindikaw li hemm reċessjoni ekonomika ta' madwar 4 % fl-2020. Minħabba l-kost tal-miżuri biex jimmitigaw l-impatt tal-kriżi, iż-żieda fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, u d-dħul aktar baxx, id-defiċit fiskali fl-2020 huwa mistenni li jżied għal madwar 8 % tal-PDG. Il-bilanċ tal-pagamenti tal-Georgia se jiddeterjora wkoll minħabba dħul aktar baxx mill-esportazzjoni tas-servizzi (speċjalment mit-turiżmu), influssi ta' rimessi aktar baxxi mill-emigranti, influss probabbilment aktar baxx ta' investiment dirett barrani u ħruġ ta' kapital tal-portafolli. Id-diskrepanza tal-likwidita' esterna hija stmata tentattivament mill-FMI fil-livell ta' madwar USD 1,6 biljun fl-2020-2021, u l-Georgia se jkollha bżonn l-assistenza mis-sħab internazzjonali tagħha biex tkopri din id-diskrepanza. Fl-14 ta' April l-

awtoritajiet ikkonkludew ftehim fil-livell tal-persunal mal-FMI li jipprevedi żieda fil-programm tal-Faċilità ta' Fond Estiża (EFF) attwali (li kważi ġiet kompletament żborżata) b'madwar USD 375 miljun, li minnhom USD 308 miljun għandhom jiġu żborżati fl-2020. Għaddejnin negozjati mal-Bank Dinji, mal-ADB, l-AFD, il-KfW u l-BEI dwar iż-żieda tas-self tagħhom ibbażat fuq il-politika. Il-Georgia għandha programm ta' AMF għaddej, li l-aħħar pagament tiegħu ta' EUR 25 miljun mistenni li jsir fit-tieni trimestru tal-2020, soġġett għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika maqbula; il-biċċa l-kbira tagħhom diġà ġew issodisfati. Kollox ma' kollox, skont l-informazzjoni preżenti, fadal madwar USD 900 mid-diskrepanza ta' likwidità għal din is-sena li jridu jimtlew. Minħabba li hemm prospetti tajbin ukoll għall-kontribuzzjonijiet ta' kredituri oħrajn, huwa ġġustifikat programm ta' AMF ġdid ta' EUR 150 miljun.

L-impatt tal-miżuri biex titwaqqaf il-firxa tal-virus COVID-19 u l-konsegwenzi negattivi mir-reċessjoni globali huma mistennija li jaffettwaw lill-ekonomija tar-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem il-Moldova) b'mod qawwi fl-2020. Il-kanali ta' trażmissjoni ewlenin tal-kriżi huma r-rimessi tal-emigranti (li jirrappreżentaw 15 % tal-PDG fil-Moldova) u l-kummerċ ma' pajjiżi milquta mill-kriżi, b'mod partikolari Stati Membri tal-UE. L-ekonomija tal-Moldova mistennija li taqa' f'reċessjoni fl-2020, filwaqt li l-bilanċ tal-pagamenti u l-finanzi pubbliċi se jkunu taħt pressjoni kbira minħabba l-kriżi. Id-diskrepanza tal-likwidità esterna hija stmata tentattivament għal USD 800 miljun (madwar 7 % tal-PDG) fl-2020 u d-diskrepanza tal-likwidità fiskali hija stmata għal MDL 10,5 biljun (madwar USD 550 miljun). Il-Moldova għandha xi spazju politiku biex tikkumbatti x-xokkijiet, minħabba li kemm id-dejn pubbliku u kif ukoll ir-riżervi internazzjonali kienu fuq trajettorja pożittiva tul l-aħħar snin bl-appoġġ ta' programm fuq tliet snin tal-FMI/EFF/ECF, iżda mhux għal ħafna żmien u ċarament fi ħdan limiti. Il-FMI huwa lest li jestendi madwar USD 240 miljun (EUR 220 miljun) f'appoġġ ta' emerġenza lill-Moldova biex timmitiga l-effetti ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19. Il-Moldova għandha programm ta' AMF għaddej li fih jistgħu jiġu żborżati t-tieni u t-tielet pagamenti ta' EUR 70 miljun b'kollox jekk il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati qabel il-programm jiskadi f'Lulju 2020. Barra minn hekk, krediti li diġà tħabbru mir-Russja ta' EUR 200 miljun għall-2020, li kienu primarjament immirati għall-investimenti fl-infrastruttura, jistgħu jiġu riallokati biex jindirizzaw l-effetti tal-kriżi. Madankollu, minħabba l-aċċess limitat għas-swieq tal-kapital, il-Moldova tkun teħtieġ assistenza addizzjonali biex tkopri d-diskrepanza tal-likwidità esterna. F'dan l-isfond, programm ġdid ta' AMF bl-ammont ta' EUR 100 miljun huwa ġġustifikat.

Fl-Ukrajna, l-istabbiltà makrofinanzjarja ġiet taħt pressjoni mġedda din is-sena, partikolarment wara r-reshuffle tal-gvern li saret għal għarrieda fil-bidu ta' Marzu, li kkoinċidiet mat-tifqigħa tal-kriżi globali tal-COVID-19. Il-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju ddeterjoraw f'daqqa f'nofs Marzu, meta r-rendimenti sovrani tal-Eurobonds kważi ttripplaw, qabel ma stabbilizzaw għal madwar 8 %, minn 4,4 % lejn tmiem Jannar. Effett negattiv fuq il-fiduċja, alimentat mill-aspettattivi ta' reċessjoni serja (fejn il-previżjonijiet qed ivarjaw minn 4 % sa 9 % fl-2020), irriżulta f'domanda akbar għall-muniti barranin. Il-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna kellu jbigħ l-ekwivalenti ta' USD 2,2 biljun fit-tieni nofs ta' Marzu, u b'hekk ir-riżervi internazzjonali tiegħu tnaqqsu b'aktar minn 8 % mill-USD 27 biljun irrapporati għal tmiem Frar 2020. Il-baġit rivedut għall-2020, adottat mill-parlament fit-13 ta' April, jipprevedi fond tal-coronavirus ta' EUR 2,5 biljun għal miżuri immedjati biex jiġġieled il-firxa tal-COVID-19. Fid-dawl tad-deterjorament fil-finanzi pubbliċi kkawżat mir-reċessjoni, u n-nefqa addizzjonali relatata mal-kriżi, id-defiċit baġitarju kumplessiv tal-2020 ġie rivedut għal 7,5 % tal-PDG, jew l-ekwivalenti ta' USD 11-il biljun. Filwaqt li xi ftit mid-defiċit baġitarju jista' jiġi ffinanzjati domestikament, il-gvern għandu wkoll USD 5 biljun f'ripagamenti ta' dejn estern li jmisshom jitħallsu fl-2020. Il-FMI jistima li d-diskrepanza tal-

finanzjament estern ġenerali se tkun ta' madwar USD 12-il biljun fl-2020. F'dan l-isfond, il-FMI qabel li jkabbar id-daqs tal-programm ta' tliet snin tiegħu li ġie negozjat reċentement minn USD 5,5 biljun għal USD 10 biljun, li minnhom 3,5 biljun se jsiru disponibbli din is-sena. Flimkien ma' self mill-Bank Dinji u u s-segment li fadal ta' EUR 500 miljun tal-programm ta' AMF eżistenti tal-UE, li għalih il-kundizzjonijiet diġà ġew issodisfati u li huwa mistenni li jiġi żborżat fit-tieni trimestru tal-2020 (ladarba jiġu implimentati l-azzjonijiet minn qabel għall-programm il-ġdid tal-FMI), huma disponibbli madwar USD 5 biljun ta' finanzjament. Il-bqija tad-diskrepanza ta' USD 12-il biljun se jkun hemm bżonn li tiġi koperta permezz ta' finanzjament uffiċjali addizzjonali jew permezz ta' prelevament ta' riżervi internazzjonali uffiċjali. F'dan l-isfond, programm ġdid ta' AMF bl-ammont ta' EUR 1.2 biljun huwa ġġustifikat.

Viċinat tan-Nofsinhar

Fil-Ġordan ma tistax tiġi evitata reċessjoni, u qed tiżdied il-pressjoni fuq il-bilanċ tal-pagamenti, li jirrifletti l-ispazju ta' politika limitat tal-pajjiż. It-tifqigħa tal-coronavirus mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq l-ekonomija Ġordanjana permezz tat-tfixkil li se toħloq fuq il-flussi kummerċjali, il-ktajjen tal-valur globali u t-turiżmu. Minħabba l-ispazju fiskali ristrett, il-Ġordan sa issa mmobilizza primarjament miżuri ta' politika monetarja biex irażżan il-ħsara lill-ekonomija. Madankollu, taħt lockdown ġenerali, l-effettività ta' tali miżuri hija limitata. Issa huwa probabbli li l-ekonomija tesperjenza reċessjoni fl-2020, b'konsegwenzi gravi għal-livell ta' qgħad li diġà huwa għoli (madwar 19 % fi tmiem l-2019). Id-defiċit baġitarju huwa mistenni li jikber għal aktar minn 5 % tal-PDG, ikkawżat mit-tnaqqis mistenni fid-dħul fiskali. Għaldaqstant, id-dejn pubbliku gross aktarx li jaqbeż 100 % tal-PDG fl-2020. Il-kisba ta' self konċessjonali għall-finanzjament tad-defiċit fiskali se tkun kruċjali biex il-piż tar-rata tal-imgħax jinżamm baxx u biex tappoġġa s-sostenibbiltà tad-dejn. Saħansitra qabel it-tifqigħa tal-coronavirus, il-Ġordan diġà kien qed jaffaċċa ħtiġijiet ta' finanzjament estern sinifikanti. Fuq dan l-isfond, l-UE adottat operazzjoni ta' AMF ta' EUR 500 miljun f'Jannar 2020. Bil-kriżi tal-COVID-19, dawn il-ħtiġijiet komplew jizdedu. Id-defiċit fil-kont kurrenti huwa mistenni li jikber b'riżultat tat-tnaqqis qawwi fit-turiżmu, filwaqt li ż-żieda qawwija fir-rati tal-imgħax li qed ikollhom jaffaċċaw l-ekonomiji emerġenti fis-swieq finanzjarji jistgħu jipperikolaw ir-riportament ta' Eurobond ta' USD 1,25 biljun li jimatura f'Ottubru 2020. Skont l-informazzjoni attwali, għad hemm bżonn li jimtlew USD 1,5 biljun tad-diskrepanza ta' finanzjament stmati għal din is-sena, u huwa ġġustifikat appoġġ ta' AMF addizzjonali ta' EUR 200 miljun. Dan se jiġi kkombinat mal-programm ta' AMF eżistenti għal ammont totali ta' EUR 700 miljun¹.

Ħtiġijiet kbar ta' finanzjament fit-Tuneżija jitolbu appoġġ internazzjonali fil-kuntest ta' kriżi ekonomika li qed tikber. Aktarx li t-Tuneżija se taqa' freċessjoni fl-2020, minħabba li l-attività ekonomika se tiġi affettwata b'mod sinifikanti mit-tnaqqis fid-domanda globali u mill-effett tal-miżuri ta' konteniment introdotti f'nofs Marzu biex twaqqaf il-firxa tal-coronavirus. Filwaqt li ġew adottati miżuri monetarji u fiskali biex jimmitigaw l-impatt ekonomiku tal-kriżi, għadhom qed jippersistu l-iżbilanċi makroekonomiċi, l-ispazju politiku għadu limitat, u l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern huma mistennija jizdedu matul is-sena. Dan

¹ Soġġett għall-adozzjoni rapida tad-Deċiżjoni omnibus dwar l-AMF, il-Kummissjoni qed tippjana li tikkombina l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni dwar l-AMF għall-Ġordan ma' dik tal-AMF ta' EUR 500 miljun adottata f'Jannar 2020. Dan ikun ifisser qbil dwar MtQ uniku mal-Ġordan, li fih l-ewwel u t-tieni żborżi jikkombinaw partijiet mis-self miż-żewġ Deċiżjonijiet, filwaqt li t-tielet żborż jiġi esklussivament mid-Deċiżjoni ta' Jannar 2020. Il-perjodi ta' disponibbiltà taħt iż-żewġ Deċiżjonijiet jiġu rrispettati.

it-tnaqqis fir-ritmu se jitfa' pressjoni kbira fuq l-impjiegi u l-istabbiltà soċjali. Se jirriżulta wkoll f'deterjorament sever tal-baġit, se jnaqqas id-dħul u jitfa' pressjoni addizzjonali fuq inefqa biex jiġu appoġġati l-ekonomija u s-sistema tas-saħħa. B'risultat, huwa probabbli li fl-2020 id-defiċit fiskali se jikber b'mod sinifikanti u li d-dejn pubbliku se jiżdied. Il-gvern qed jistenna defiċit baġitarju akbar milli proġettat (għal 4,3 % tal-PDG), li għalih se jkun hemm bżonn li jiġu mmobilizzati USD 1 biljun (jew 2,6 % tal-PDG) f'finanzjament estern addizzjonali. Il-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti se jkunu saħansitra akbar (madwar 4,7 % tal-PDG), minħabba l-konsegwenzi mistennija tal-pandemija fuq is-settur privat u l-aċċess tiegħu għall-finanzjament estern. It-tnaqqis qawwi fir-rimessi u t-turiżmu (aktar minn 7 % tal-PDG), minkejja prezzijiet taż-żejt aktar baxxi, ukoll se jwasslu għal nuqqas ta' dħul mill-kambju barrani. Huwa probabbli ħafna li fl-2020 il-gvern mhux se jkun jista' jkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tiegħu mis-swieq domestiċi u internazzjonali, u talab assistenza ta' emerġenza ekwivalenti għal USD 753 miljun (100 % tal-kwota) mill-FMI. Il-gvern jeħtieġ madwar USD 3,5 biljun f'finanzjament estern din is-sena, bil-qċaċet tar-rimborżi f'April u Ġunju jqiegħdu l-pressjoni fuq il-likwidità. Barra minn hekk, il-ħtiġijiet ta' finanzjament huma mistennija li jkomplu jiżdiedu skont l-impatt fiskali tal-COVID-19 u r-rispons għalih, filwaqt li l-aċċess għas-swieq finanzjarji se jibqa' diffiċli ħafna tul is-sena u l-ħruġ fis-suq ta' USD 1,1 biljun ma tistax tibqa' titqies bħala fatta. Skont l-informazzjoni attwali, għad hemm bżonn li jimtlew EUR 2,5 biljun tad-diskrepanza ta' finanzjament stmati għal din is-sena, u huwa ġġustifikat appoġġ ta' AMF ta' EUR 600 miljun.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-operazzjoni ta' AMF qed issir f'ċirkostanzi partikolari ħafna ta' urġenza estrema relatata mal-pandemija globali tal-coronavirus. L-AMF propost huwa konsistenti mal-appoġġ tal-UE li tappoġġa s-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat bid-diffikultajiet ekonomiċi immedjati tagħhom. Din hija konsistenti wkoll mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-istrument tal-AMF, inkluż il-karattru eċċezzjonali tiegħu, il-prekundizzjonijiet politiċi, il-komplementarjetà, il-kundizzjonalità u d-dixxiplina finanzjarja. Tul il-ħajja tal-operazzjonijiet ta' AMF, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta li dawn il-kriterji ntlaħqu, inkluż il-valutazzjoni, hi u taħdem mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tal-prekundizzjonijiet politiċi.

Fl-implimentazzjoni tal-assistenza, il-Kummissjoni se tiżgura l-konsistenza mal-operazzjonijiet reċenti u preżenti ta' AMF, b'mod partikolari dawk taħt id-deċizzjonijiet dwar AMF li ġejjin:

- Id-Direttiva (UE) 2016/1112 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar l-ġħoti ta' assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lit-Tuneżija;
- Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova;
- Id-Deċiżjoni (UE) 2018/598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia;
- Id-Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna;
- Id-Deċiżjoni (UE) 2020/33 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 li ttipprevedi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-UE qed timmobilizza l-istrumenti disponibbli kollha u tikkoordina mill-qrib mal-Istati Membri, kif ukoll mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, sabiex tkun tista' tarma rispons estern effettiv għall-kriżi tal-COVID-19, taħt il-bandiera ta' "Tim Ewropa". L-AMF tal-UE hija parti minn dan l-approċċ għar-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat, u tikkomplementa total ta' EUR 3,87 biljun f'għotjiet immobilizzati taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, inkluż taħt u kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji permezz tal-Pjattaforma ta' Investiment tal-Viċinat u l-Forum ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, is-self għall-investimenti tas-settur pubbliku u privat se jkomplu jiġu pprovduti taħt il-Mandat ta' Self Estern tal-Bank Ewropew tal-Investment. Il-viċinat se jgawdi wkoll minn programmi ta' investiment appoġġati minn EUR 0,5 biljun ta' garanziji mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, fil-biċċa l-kbira riorjentati lejn il-finanzjament tal-SMEs.

Billi tappoġġa l-adozzjoni mill-awtoritajiet ta' qafas xieraq għall-politika makroekonomika fuq medda qasira u għar-riformi strutturali, l-AMF tal-UE żżid il-valur miżjud tal-involvement kumplessiv tal-UE biex b'hekk iżżid l-effettività tal-involvement tal-UE inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji oħra.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE. Fis-sitwazzjoni attwali ta' urġenza, din il-proposta tista' wkoll tkun ibbażata fuq l-Artikolu 213 tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżentaha fuq il-bażi tal-Artikolu 212 tat-TFUE biex issegwi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja bl-involvement sħiħ tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni qed toqgħod fuq il-kooperazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-adozzjoni rapida.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ma taqax taħt kompetenza esklussiva tal-UE. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sa fejn l-oġġettivi li tinġieb lura l-istabbiltà makroekonomika tal-benefiċjarju ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom, u għalhekk ikunu jistgħu jinkisbu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma skala akbar u koordinazzjoni tad-donaturi ffaċilitata, sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività tal-assistenza.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità: tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-istabbiltà makroekonomika fuq perjodu qasir billi ttaffi r-riskju ta' inadempjenza u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Minħabba d-daqs tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-benefiċjarji fl-2020 u l-2021, l-ammont tal-assistenza se jikkorrispondi għal parti relattivament limitata ta' dawn il-ħtiġijiet. Meta titqies l-assistenza mwiegħda lill-benefiċjarji minn donaturi bilaterali u multilaterali u kredituri oħrajn, huwa meqjus bħala livell xieraq ta' qsim tal-piżijiet għall-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkunu adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw dawn l-oġettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF, meta mqabbla ma' strumenti oħrajn tal-UE jkun l-implimentazzjoni rapida tagħha biex ittaffi l-limitazzjonijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarji, iżda wkoll biex tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali. Billi tgħin biex tistabbilixxi qafas ġenerali xieraq għall-politiki makroekonomiċi u strutturali, l-AMF tista' żżid l-effettività tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-benefiċjarji taħt strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE b'enfasi aktar dejqa.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-operazzjonijiet ta' AMF kollha huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*, li normalment issir fi żmien sentejn minn tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà ddefinit fid-deċiżjoni leġislattiva li tagħti l-assistenza. Hemm żewġ għanijiet għal dan: (i) li jiġi analizzat l-impatt tal-AMF fuq l-ekonomija tal-benefiċjarju, u b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tiegħu; (ii) li jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-intervent tal-UE.

L-evalwazzjonijiet li saru sa issa jikkonkludu li l-operazzjonijiet tal-AMF tabilħaqq jikkontribwixxu għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, tal-istabbiltà makroekonomika u tal-kisba tar-riforma strutturali tal-benefiċjarji. L-operazzjonijiet tal-MFA kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-benefiċjarji u kkontribwew biex jitnaqqsu l-limitazzjonijiet baġitarji tagħhom. Huma wasslu ukoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku ftit iktar oġhla.

L-evalwazzjonijiet jenfasizzaw li attribut importanti tal-AMF tal-UE fil-konfront ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament huwa t-termini konċessjonali għall-aħħar tiegħu, jiġifieri rati ta' interess relattivament baxxi, maturità twila u perjodu ta' grazzja twil. Dan jiġġenera spazju fiskali u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku.

L-evalwazzjonijiet *ex post* jikkonfermaw ukoll li l-AMF preċedenti kienu implimentati b'mod effiċjenti, u kienu kkoordinati tajjeb ma' programmi oħrajn tal-UE u ma' programmi ta' donaturi oħrajn (b'mod partikolari l-FMI u l-Bank Dinji). Il-kondizzjonalità tal-politika tal-AMF instab li hija separata mill-kundizzjonalità tal-FMI, iżda komplementarja u/jew issaħħaħha. L-esperjenzi reċenti juru li l-preżenza ta' żewġ programmi indipendenti iżda kkoordinati ssaħħaħ il-kapaċità tal-kisba ta' riżultati, permezz ta' kundizzjonalitajiet komplementarji u riżorsi finanzjarji kkombinati.

L-evalwazzjonijiet jinnutaw ukoll in-nuqqasijiet ta' kull operazzjoni tal-AMF, bl-aktar li kienu komuni kienu n-nuqqas ta' viżibilità tagħhom u l-proċess ta' negozjati li xi drabi kien twil. Il-Kummissjoni se tkompli tikkunsidra l-limitazzjonijiet identifikati f'evalwazzjoni li se tagħmel dwar l-operazzjonijiet li saru bejn l-2010 u l-2020, li hija ppjanata li tiġi varata fl-2020. L-evalwazzjoni tista' wkoll tipprovdi bażi tajba għal riflessjoni ulterjuri dwar l-ambitu u aspetti oħrajn tal-istrument tal-AMF, kif ukoll dwar kif jinteraġixxi ma' strumenti tal-politika esterna oħrajn tal-UE.

Ir-rapporti finali tal-evalwazzjonijiet *ex post* lesti ta' operazzjonijiet ta' AMF huma ppubblikati fuq https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_mt

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-AMF tingħata bħala parti integrali mir-rispons tal-UE u dak internazzjonali usa' fir-rigward tal-kriżi tal-COVID-19. Fit-tħejjija ta' din il-proposta għal AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-Fond Monetarju Internazzjonali, li jinsab fil-proċess li jdaħħal fis-seħħ programmi finanzjarji mdaqqa, kif ukoll kredituri u donaturi multilaterali oħra. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet nazzjonali ta' benefiċjarji potenzjali.

- **Ġbir u użu ta' għarfien esperti**

Minħabba l-bżonn urġenti ta' proċess ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni se twettaq Valutazzjoni Operazzjonali li tivverifika l-kwalità u l-affidabilità ta' ċirkwiti finanzjarji pubbliċi u tal-proċeduri amministrattivi tal-benefiċjarju jew, jekk meħtieġ, bl-assistenza ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE hija strument ta' emerġenza li għandu l-għan li jtaffi r-riskju ta' inadempjenza u ta' kollaps ekonomiku tas-sħab billi jindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern fuq terminu qasir tal-benefiċjarji filwaqt li jappoġġa miżuri ta' politika li għandhom l-għan li jsaħħu l-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjonijiet fiskali kif ukoll li jappoġġaw tkabbir sostenibbli mġedded. Għalhekk, din il-proposta dwar l-AMF hija eżentata mir-rekwiżit li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni (SWD (2015) 111 final) peress li hemm l-eżiġenza politika li jsir progress malajr f'sitwazzjoni ta' emerġenza li tkun teħtieġ reazzjoni rapida.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-assistenza ppjanata tingħata fil-forma ta' self u jeħtieġ li tkun iffinanzjata permezz ta' operazzjoni mutwatarja li l-Kummissjoni se twettaq f'isem l-UE. L-impatt baġitarju tal-assistenza se jikkorrispondi għall-provvediment, b'rata ta' 9 %, tal-ammonti żborżati fil-Fond ta' Garanzija għal Azzjonijiet Esterni tal-UE. Jekk wieħed jassumi li s-self se jiġi żborżat fl-2020, u skont in-normi li jirregolaw il-mekkaniżmu tal-fond ta' garanzija,² il-provvediment se jsir fil-baġit tas-sena n+2, fejn is-sena n tkun s-sena tal-iżborż. L-impatt tas-self żborżat fl-2020 għalhekk se jinħass fil-baġit tal-2022, għall-ammont massimu ta' EUR 270 miljun. Jekk parti mis-self jiġi żborżat fl-2021, il-provvediment korrispondenti se jsir fil-baġit tal-2023.

Il-Kummissjoni tqis li l-ammonti allokatu fil-Fond ta' Garanzija huma riżerva adegwata biex tipproteġi l-baġit tal-UE kontra xi obligazzjonijiet kontinġenti li jirrigwardaw dan is-self tal-AMF. Madankollu, wieħed ma jistax jeskludi li ċ-ċirkostanzi makroekonomiċi u l-konċentrazzjoni potenzjali attwali tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu jistgħu jkabbiru l-bżonn li jiġu allokatu riżorsi baġitarji supplementari għad-durata tas-self.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

Il-Kummissjoni tivvaluta li l-impatt baġitarju tal-operazzjonijiet tal-AMF proposti jista' jiġi inkluż fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Unjoni Ewropea għandha tqiegħed l-AMF għad-dispożizzjoni tas-sħab għal ammont totali sa EUR 3 biljun, fil-forma ta' self fuq terminu medju sa twil, li jikkontribwixxi biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tagħhom fl-2020-21.

Abbażi ta' valutazzjoni preliminari tal-ħtiġijiet ta' finanzjament, l-ammonti ta' AMF li għandhom isiru disponibbli għandhom jitqassmu lill-benefiċjarji kif ġej:

- EUR 180 miljun għar-Repubblika tal-Albanija
- EUR 250 miljun għall-Bożnija-Herzegovina
- EUR 150 miljun għall-Georgia
- EUR 200 miljun għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
- EUR 100 miljun għall-Kosovo
- EUR 100 miljun għar-Repubblika tal-Moldova
- EUR 60 miljun għall-Montenegro
- EUR 160 miljun għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq
- EUR 600 miljun għar-Repubblika tat-Tuneżija
- EUR 1,2 biljun għall-Ukrajna]

Huwa pplanat li l-assistenza tiġi żborżata f'żewġ pagamenti ta' self. L-iżborż tal-ewwel pagament huwa mistenni li jsir lejn nofs l-2020. It-tieni pagament jista' jiġi żborżat fir-raba' kwart tal-2020 jew fl-ewwel nofs tal-2021 sakemm il-miżuri ta' politika marbutin miegħu jkunu ġew implimentati fi żmien debitu.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, li huma konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' kull benefiċjarju b'mod separat se jiftiehem dwar Memorandum ta' Qbil li jstabbilixxi l-miżuri ta' riforma assoċjati mal-operazzjoni proposta tal-AMF, inklużi aspetti taż-żmien u tas-sekwenzjar. Barra minn hekk, kif normalment huwa l-każ bl-AMF, l-iżborżi jkunu, fost l-oħrajn, bil-kundizzjoni li jsir progress sodisfaċenti fil-programm tal-FMI u li s-sieħeb jibqa' jiġbed mill-fondi tal-FMI.

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni. L-AMF proposta se tkun disponibbli għal 12-il xahar, li jibded mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil.

Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif ġiet implimentata din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel. Barra minn hekk, it-twettiq tal-objettivi tal-assistenza se jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, inkluż fil-kuntest ta' evalwazzjoni *ex post* li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu tad-disponibbiltà tal-assistenza.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-forniment ta' Assistenza Makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiſlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-kriżi attwali tal-COVID-19 għandha effetti dannużi ħafna fuq l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja fir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat. Is-sħab bħalissa qed jiffaċċjaw bilanċ ta' pagamenti u sitwazzjoni fiskali dgħajfin u li qed jaggravaw b'pass mgħaġġel, bl-ekonomija dieħla f'reċessjoni. Hemm każ b'saħħtu biex l-UE taġixxi malajr u b'mod deċiżiv b'appoġġ għal dawn l-ekonomiji. Din il-proposta għall-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għalhekk tkopri għaxart isħab: Ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo,* il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fir-reġjun tat-tkabbir; il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna fil-viċinat tal-Lvant u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan u r-Repubblika tat-Tuneżija fil-viċinat tan-Nofsinhar (minn hawn 'l quddiem "is-sieħeb/is-sħab").
- (2) L-urġenza tal-assistenza hija relatata mal-ħtieġa immedjata li s-sħab ikollhom għall-fondi, flimkien ma' dawk li se jiġu pprovduti permezz ta' strumenti oħra tal-UE u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, mill-Istati membri tal-UE u minn donaturi bilaterali oħra, sabiex jinholq spazju ta' politika ta' terminu qasir biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimplementaw miżuri biex jikkumbattu r-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19.
- (3) L-awtoritajiet ta' kull pajjiż sieħeb u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) qablu jew huma mistennija li dalwaqt jaqblu dwar programm li jkun appoġġat minn arranġament ta' finanzjament mal-FMI.
- (4) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jeħtieġ li tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju, flimkien ma' arranġament ta' żborż mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) li huwa soġġett

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

għal programm miftiehem ta' riformi ekonomiċi. Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun disponibbli wkoll għas-sħab li jibbenefikaw minn finanzjament ta' emerġenza mill-FMI, li jista' jingħata mingħajr azzjonijiet minn qabel u/jew kundizzjonalità, bħal permezz tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu (RFI). Din l-assistenza jeħtieġ għalhekk li tkun ta' durata iqsar, limitata għal żewġ żborżi u tirfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li jkun jinkludi sett limitat ta' miżuri ta' riforma.

- (5) L-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni lis-sħab huwa konsistenti mal-politika tal-Unjoni kif stabbilita fil-politiki tat-tkabbir u l-viċinat.
- (6) Peress li s-sħab huma jew is-sħab tal-adeżjoni/ta' qabel l-adeżjoni jew koperti mill-PEV, huma eliġibbli biex jirċievu l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
- (7) Peress li hu mistenni li l-ħtiġijiet finanzjarji esterni tas-sħab li qed jiddeterjoraw b'mod drastiku, ikunu ħafna oġġla mir-riżorsi li jiflaħ jipprovdi l-FMI u l-istituzzjonijiet multilaterali l-oħra, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li se tingħata lis-sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' bħalissa, hija kkunsidrata rispons xieraq għat-talbiet tas-sħab bħala sostenn għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika, filwaqt li tissupplimenta r-riżorsi li huma disponibbli skont l-arranġament finanzjarju tal-FMI.
- (8) Jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġa r-ritorn tas-sħab għal sitwazzjoni ta' finanzjament estern sostenibbli u b'hekk tappoġġa żvilupp ekonomiku u soċjali mġedded.
- (9) L-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa bbażat fuq stima preliminari tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu ta' kull sieħeb u jqis il-kapaċità tiegħu ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riservi internazzjonali għad-dispożizzjoni tiegħu. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jeħtieġ li tikkomplementa l-programmi u r-riżorsi li jipprovdu l-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.
- (10) Jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment f'konformità mal-prinċipji u l-oġjettivi ewlenin u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki rilevanti oħra tal-Unjoni.
- (11) Jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni fir-rigward tas-sħab. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jeħtieġ flimkien jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja sabiex jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u jggarantixxu l-konsistenza tagħha.
- (12) Jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun tappoġġa l-impenn tas-sħab favur valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tagħha favur il-prinċipji ta' kummerċ li hu miftuħ, ibbażat fuq regoli u ġust.
- (13) Jeħtieġ li prekundizzjoni biex tingħata l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun li s-sħab jirrispettaw il-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistema parlamentari multipartitarja u l-istat tad-dritt, u jggarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-oġjettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-

Unjoni jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fis-sħab u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it- tkabbir sostenibbli u l-konsolidazzjoni fiskali. Jeħtieġ li kemm it-twertiq tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-ksib ta' dawn l-oġġettivi jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

- (14) Sabiex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu mħarsa b'mod effiċjenti, jeħtieġ li s-sħab jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu u jikkumbattu l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta mal-assistenza. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru provvedimenti biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq verifiki, biex il-Qorti tal-Awdituri tkun tista' twettaq awditi u biex l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikun jista' jħaddem il-kompetenzi tiegħu.
- (15) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (bħala l-awtorità baġitarja tal-Unjoni).
- (16) L-ammonti tal-provvediment meħtieġ għall-assistenza makrofinanzjarja jeħtieġ li jkunu konsistenti mal-appropriazzjonijiet baġitarji previsti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- (17) Jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsegu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tinfirmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-assistenza u tipprovdihom id-dokumenti rilevanti.
- (18) Sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jeħtieġ li dawn is-setgħat jitħaddmu skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (19) Jeħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet tas-sieħeb taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dak ir-Regolament, jeħtieġ li l-proċedura konsultattiva, bħala regola ġenerali, tapplika fil-każijiet kollha għajr kif previst f'dak ir-Regolament. Meta wieħed iqis l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu. Meta wieħed iqis l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lil kull sieħeb, jeħtieġ li tapplika l-proċedura konsultattiva għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil mal-Montenegro, filwaqt li l-proċedura ta' eżami jeħtieġ li tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil mas-sħab l-oħrajn koperti minn din id-Deċiżjoni, u bl-istess mod għal kull tnaqqis, sospensjoni jew kanċellazzjoni tal-assistenza.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli assistenza makrofinanzjarja (“l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni”) lir-Repubblika tal-Albanija, lill-Bożnija-Ħerzegovina, lill-Georgia, lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, lill-Kosovo, lir-Repubblika tal-Moldova, lill-Montenegro, lir-Repubblika tal-Maċedonja ta’ Fuq, lit-Tuneżija u lill-Ukrajna (“is-sħab”) għal ammont massimu totali ta’ EUR 3 biljun, bil-għan li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tas-sħab u aġenda ta’ riforma sinifikanti. L-għajnuna għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet urġenti tal-bilanċ tal-pagamenti tas-sħab kif identifikati fil-programm appoġġat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u għandha tkun disponibbli kif ġej:
 - (a) EUR 180 miljun għar-Repubblika tal-Albanija;
 - (b) EUR 250 miljun għall-Bożnija-Ħerzegovina;
 - (c) EUR 150 miljun għall-Georgia;
 - (d) EUR 200 miljun għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan;
 - (e) EUR 100 miljun għall-Kosovo;
 - (f) EUR 100 miljun għar-Repubblika tal-Moldova;
 - (g) EUR 60 miljun għall-Montenegro;
 - (h) EUR 160 miljun għar-Repubblika tal-Maċedonja ta’ Fuq;
 - (i) EUR 600 miljun għar-Repubblika ta’ Tuneżija;
 - (j) EUR 1,2 biljun għall-Ukrajna.
2. L-ammont kollu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jingħata lil kull sieħeb fil-forma ta’ self. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f’isem l-Unjoni, biex tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u ssellifhom lis-sieħeb. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta’ 15-il sena.
3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b’mod konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti bejn l-FMI u s-sieħeb. Il-Kummissjoni għandha regolarment tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi rigward l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-iżborżi li tagħmel minnha, u għandha tippovdi lil dawk l-istituzzjonijiet id-dokumenti rilevanti fi żmien debitu.
4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli għal perjodu ta’ 12-il xahar, li jibda mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta’ Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).
5. Jekk il-ħtiġijiet ta’ finanzjament ta’ sieħeb jonqsu sostanzjalment matul il-perjodu tal-iżborżi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tikkanċellaha.

Artikolu 2

1. Prekundizzjoni biex tingħata l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li s-sieħeb jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi – inkluż sistema parlamentari multipartitarja – u l-istat tad-dritt, u jggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw it-tweġġ ta' din il-prekundizzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE⁴.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tiftiehem mal-awtoritajiet ta' kull sieħeb dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, b'attenzjoni fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li jtnizzlu f'Memorandum ta' Qbil ("il-Memorandum ta' Qbil") li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-tweġġ ta' dawn il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew qbil imsemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mis-sieħeb, bl-appoġġ tal-FMI.
2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ifittxu, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fis-sħab, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Fit-tfassil tal-miżuri ta' politika għandhom debitament jitqiesu l-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment il-progress lejn il-ksib ta' dawn l-oġġettivi.
3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stipulati fi Ftehim tas-Self li jiġi konkluż separatament bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' kull sieħeb.
4. Il-Kummissjoni għandha minn żmien għall-ieħor tivverifika li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-politiki ekonomiċi tas-sieħeb ikunux f'konformità mal-oġġettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

Artikolu 4

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni permezz ta'

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

żewġ pagamenti ta' self. Id-daqs ta' kull pagament għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom ikunu pprovvediti, fejn meħtieġ, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009⁵.
3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-prekundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2;
 - (b) rekord sodisfaċenti kontinwu tal-implimentazzjoni ta' arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju;
 - (c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Ir-rilaxx tat-tieni pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament.

4. Fejn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi temporanjament jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.
5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas lill-Bank Ċentrali tas-sieħeb. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi bħala l-benefiċjarju finali.

Artikolu 5

1. L-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti relatati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isiru bl-euro bl-użu tal-istess data tal-valur, u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-tibdil fil-maturitajiet, jew jesponuha għal xi riskju tal-kambju jew taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, jew għal kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.
2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk is-sieħeb jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ir-ripagament bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun konkordata minn klawżola korrispondenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet mutwatarji.
3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu li jsir titjib fir-rata tal-imgħax tas-self u jekk is-sieħeb jitlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrifinanzja l-mutwi inizjali kollha jew parti minnhom jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament jew ta' ristrutturar għandhom isiru f'konformità mal-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tal-mutwi kkonċernati jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tar-rifinanzjament jew tar-ristrutturar.
4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li huma relatati mal-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti skont din id-Deċizzjoni għandu jġorrhom is-sieħeb.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 6

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
2. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.
3. Il-Ftehim tas-Self imsemmi fl-Artikolu 3(3) għandu jkun fih dispożizzjonijiet:
 - (a) li jggarantixxu li s-sieħeb jivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni jkun intuża kif suppost, jieħu miżuri xierqa biex jipprevjeni l-irregolaritajiet u l-frodi, u, jekk ikun meħtieġ, jieħu azzjoni legali biex jirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni u li jkunu ġew miżapproprjati;
 - (b) li jggarantixxu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi biex jipprevjenu u jikkumbattu l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁷, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96⁸ u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ kif ukoll, għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa rigward l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939¹⁰. B'mod partikolari, għal dan il-għan, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) għandu jkun espressament awtorizzat li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż b'mod partikolari kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post inklużi operazzjonijiet forensiċi diġitali u intervisti;
 - (c) li espressament jawtorizzaw lill-Kummissjoni, jew lir-rappreżentanti tagħha biex iwettqu kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post;
 - (d) li espressament jawtorizzaw lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jagħmlu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('l-UPPE') (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż l-awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali;

- (e) li jiggarantixxu li l-Unjoni tkun intitolata għal ripagament bikri tas-self meta jkun ġie stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, is-sieħeb ikun ipparteċipa f'xi att ta' frodi jew ta' korruzzjoni jew f'xi attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
 - (f) li jiggarantixxu li l-ispejjeż kollha li ġġarrab l-Unjoni rigward l-assistenza finanzjarja għandu jġarrabhom is-sieħeb.
4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni tas-sieħeb li huma rilevanti għall-assistenza.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandu jassistiha kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għall-assistenza makrofinanzjarja għall-Montenegro, filwaqt li għall-assistenza makrofinanzjarja għas-sħab l-oħrajn kollha koperti minn din id-Deċiżjoni għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 8

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar kif ġiet implimentata din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu:
 - (a) jeżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;
 - (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tas-sħab, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);
 - (c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tas-sħab u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ttrilaxxa l-pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni *ex post*, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni kkompletata u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Durata u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/ljinji baġitarja/baġitarji tan-nefqa affettwati
- 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Assistenza Makrofinanzjarja lis-sieħba tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi pandemika COVID-19

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB¹¹

Qasam politiku: L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-proposta/L-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹²**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

"Spinta ġdida għall-impjegi, it-tkabbir u l-investiment: il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/l-attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati*

Objettiv speċifiku Nru

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati

L-attivitàjiet marbuta mad-DĠ ECFIN jappartjenu għal:

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir barra mill-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja; kif ukoll

(b) L-appoġġ tal-proċess ta' tkabbir u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir tal-UE u prijoritajiet oħra tal-UE ma' sieħba permezz ta' analiżi ekonomika u l-għoti ta' valutazzjonijiet tal-politika u pariri.

¹¹ ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

¹² Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jeħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

- Tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament esterni tal-pajjiż sieħeb fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tagħhom li rriżulta mill-kriżi attwali ta' COVID-19.
- Jittaffew il-ħtiġijiet ta' finanzjament baġitarju tal-pajjiż benefiċjarju.
- Tappoġġa l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali u l-istabbilizzazzjoni esterna fil-kuntest tal-programm tal-FMI.
- Tappoġġa l-isforzi ta' riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u ttejjbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

L-awtoritajiet tas-sieħba se jkunu mitluba jirrapportaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma ta' politika, qabel ma jiġu żborżati l-pagamenti tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-maniġment tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operattiva taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi f'pajjiżi sieħba, fejn meħtieġ. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi sieħba se jra ttiprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma relevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jrin jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom li jiksbu mill-attivitajiet fis-seħħ tagħhom fil-pajjiżi sieħba.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti ex post dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/jiġu ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

L-iżborż tal-assistenza se jkun jiddependi fuq l-issodisfar tal-prekundizzjoni politika u rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-arranġament finanzjarju futur bejn is-sieħeb u l-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-pajjiżi sieħeb fuq kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, elenkati fil-Memorandum ta' Qbil.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżata f'żewġ ħlasijiet parzjali ta' self. L-iżborż tal-ewwel pagament huwa mistenni li jsir lejn nofs l-2020. It-tieni pagament jistgħu jiġu żborżati fir-raba' kwart tal-2020 u fl-ewwel nofs tal-2021 dment li l-miżuri ta' politika marbuta ma' kull pagament ikunu ġew implimentati fil-waqt.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-istrument tal-ġhajjnuna makro-finanzjarja huwa strument ibbażat fuq il-politika li għandu l-għan li jtaffi l-ħtiġijiet finanzjarji esterni fuq terminu qasir u medju. Fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-COVID-19, l-AMF se tgħin biex jiġi pprovdut spazju ta'

politika ekonomika għall-awtoritajiet biex joħolqu rispons ekonomiku effettiv għall-kriżi. Billi tgħin lis-sieħeb jegħleb id-diffikultajiet ekonomiċi msaħħa mill-kriżi tal-COVID-19, l-AMF li ġiet proposta se tikkontribwixxi biex tippromwovi l-istabbiltà makroekonomika u politika fis-sħab. L-AMF se tikkumplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, id-donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE. B’hekk, se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-komunità internazzjonali, kif ukoll ta’ assistenza finanzjarja oħra tal-UE, inklużi operazzjonijiet ta’ appoġġ baġitarju.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-AMF, il-programm propost se jsaħħaħ l-impenn ta’ riforma tal-gvernijiet u l-aspirazzjoni tagħhom lejn relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta’ kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-ġajjnuna. F’kuntest akbar, il-programm se juri li l-UE lesta tappoġġa pajjiżi sieħba f’momenti ta’ diffikultajiet ekonomiċi.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

L-operazzjonijiet ta’ assistenza makrofinanzjarja f’pajjiżi sieħba huma soġġetti għal evalwazzjoni ex post. L-evalwazzjonijiet li saru s’issa (dwar il-programmi tal-AMF kompletati), jikkonkludu li l-operazzjonijiet tal-AMF tabilħaqq jikkontribwixxu, għalkemm xi drabi jagħmlu dan modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, għall-istabbiltà makroekonomika u biex jitwettqu riformi strutturali fil-pajjiż sieħeb. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-operazzjonijiet tal-AMF kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż sieħeb u kkontribwew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Balkani tal-Punent, tal-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant, u tappoġġa r-riformi istituzzjonali, strutturali u ekonomiċi tagħhom kif ukoll lis-soċjetà ċivili. F’dan il-kuntest, l-AFM tikkumplimenta azzjonijiet jew strumenti esterni oħra tal-UE li jintużaw biex jingħata appoġġ lis-sieħba. Hija wkoll allinjata mal-Qafas Uniku ta’ Appoġġ li jiddefinixxi l-oqsma ta’ attenzjoni tal-ġajjnuna bilaterali taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u l-Istrument ta’ Assistenza għal qabel l-Adeżjoni għall-2014-2020.

Il-valur miżjud ewlieni tal-MFA, meta mqabbel ma’ strumenti oħrajn tal-UE, huwa li jgħin biex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jiġi promoss bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali li qed javvanzaw. L-AFM ma tippovdix appoġġ finanzjarju regolari u trid titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tas-sieħeb tkun reġġet qabdet perkors sostenibbli.

L-MFA tkun ukoll kumplimentari għall-interventi previsti mill-komunità internazzjonali, b’mod partikolari għall-programm ta’ aġġustament u riforma appoġġat mill-FMI u mill-Bank Dinji.

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- Il-proposta/inizjattiva tkun finn Ġunju 2020 sa Mejju 2021
- Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2023

Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)¹³

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-
Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

¹³ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajjnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti mal-programm appoġġjat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-arranġament tal-FMI u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mas-sieħba fil-Memorandum ta' Qbil bi frekwenza li hija konsistenti ma' numru ta' pagamenti (Ara wkoll il-punt 1.4.4).

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

Hemm riskji fiduċjarji, politiċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjonijiet tal-AFM proposta.

Hemm ir-riskju li l-assistenza makrofinanzjarja tista' tintuża b'mod qarrieqi. Peress li l-MFA mhijiex imfassla għal infiq speċifiku (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Ċentrali u l-Ministeru tal-Finanzi tas-sieħeb, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-adegwatezza tal-kapaċitajiet tal-awditjar intern u estern.

Riskju ieħor ġej mill-possibbiltà li s-sieħeb jonqos milli jonora l-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self tal-MFA proposta (riskju ta' inadempjenza jew ta' kreditu), riskju li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni fiskali tas-sieħeb.

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

Ex-ante: Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll fil-pajjiżi sieħba. Għal kull sieħeb issir valutazzjoni operazzjonali ex-ante taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-ambjent tal-kontroll mill-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, bl-appoġġ tekniku ta' konsulenti. Jitwettqu analiżi tal-proċeduri tal-kontabbiltà, tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u tal-awditjar intern/estern tal-bank Ċentrali u tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jiġi żgurat livell raġonevoli ta' żgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Jekk jiġu identifikati dgħufijiet, dawn jinqalbu f'kundizzjonijiet, li jkunu jridu jiġu implimentati qabel l-iżborż tal-assistenza. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-pagamenti (pereż. kontijiet delimitati).

Matul l-implimentazzjoni: Il-kontrolli mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet perjodiċi tas-sieħeb. Il-pagament huwa soġġett għal (1) monitoraġġ mill-persunal tad-DĠ ECFIN, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-UE u mal-

partijiet konċernati esterni, bħall-FMI, tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet miftiehma, u (2) il-proċedura normali ta' kontroll prevista miċ-ċirkuwitu finanzjarju (mudell 2) użata fid-DĠ ECFIN, inkluża l-verifika mill-unità finanzjarja tas-sodisfar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-iżborż tal-assistenza msemmija hawn fuq. L-iżborż relatat ma' operazzjonijiet tal-MFA jista' jkun soġġett għal verifiki ex post addizzjonali u indipendenti (dokumentarji u/jew fuq il-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll ex post tad-DĠ. Tali verifiki jistgħu wkoll jinbdeu fuq talba tal-AOSD responsabbli. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt s'issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mas-sħab.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' errur*

Is-sistemi tal-kontroll fis-seħħ, bħall-valutazzjonijiet operazzjonali ex-ante jew il-valutazzjonijiet ex-post, żguraw rata effettiva ta' errur għall-pagamenti tal-MFA ta' 0 %. Ma hemmx każijiet magħrufa ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-MFA għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-iżguraw u tal-kisba tal-oġġettivi u tal-prijoritajiet tal-politika.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Sabiex jittaffew ir-riskji tal-użu frodulenti ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-Ftehim ta' Self se jikkonsisti f'għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Barra minn hekk, l-assistenza se titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Ċentrali tas-sieħeb.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tas-sieħeb biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-MFA, jipprovdu garanziji adegwati. Il-valutazzjoni se tkopri oqsma bħalma huma t-tnejn u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-awditjar intern u estern, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-flus u d-dejn pubbliċi, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jkomplu jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib mid-Delegazzjoni fis-sieħeb rispettiv. Il-Kummissjoni qed tuża wkoll assistenza baġitarja biex tgħin lis-sieħba rispettivi jtejbu s-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, u dawn l-isforzi qed jiġu appoġġjati ħafna minn donaturi oħrajn.

Fl-aħħar nett, l-assistenza se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/ljinji baġitarja/baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
			Diff/Mhux diff ¹⁴ .	minn pajjiżi tal-EFTA ¹⁵	minn pajjiżi kandidati ¹⁶	minn pajjiżi terzi
4.	01 03 02 Assistenza makrofinanzjarja	Diff.	LE	LE	LE	LE
4.	01 03 06 Dispożizzjoni tal-Fond ta' Garanzija	Mhux Diff.	LE	LE	LE	LE

- 01 03 06 – Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni se jiġi furnut skont ir-Regolament tal-Fond ta' Garanzija Nru 480/2009, bl-użu tal-approprijazzjonijiet taħt il-linja baġitarja 01 03 06 (“Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija”), b'rata ta' 9% tal-obbligazzjonijiet kapitali pendenti totali. L-ammont ta' proviżjonament huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena “n-1”. Dan l-ammont ta' proviżjonament jiddaħħal fis-sena “n” fl-abozz ta' baġit tas-sena “n+1” u jitħallas effettivament fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena “n+1”, mill-linja baġitarja “Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija” (il-linja baġitarja 01 03 06). Bħala riżultat, 9 % tal-ammont effettivament żborżat se jiġi kkunsidrat fl-ammont fil-mira fi tmiem is-sena “n-1” għall-kalkolu tal-proviżjonament tal-Fond.
- N.B. Taħt il-QFP l-ġdid għall-2021-2027, se jkun hemm nomenklatura baġitarja ġdida, li għadha ma ġietx adottata. L-impatt baġitarju għalhekk se jaqa' fuq il-linji baġitarji suċċessuri.

¹⁴ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁵ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁶ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	L-UE bħala sieħba globali
--	---	---------------------------

DĠ: ECFIN			2020	2021	2022	2023	TOTALI
•Approprijazzjonijiet operattivi							
Linja baġitarja 01 03 06 Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija	Impenji	(1)			270.0		270.0
	Pagamenti	(2)			270.0		270.0
Linja baġitarja 01 03 02 Assistenza Makrofinanzjarja (valutazzjoni operazzjonali u evalwazzjoni ex-post)	Impenji	(3a)	0.350			0.450	0.800
	Pagamenti	(4 a)	0.350			0.450	0.800
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi¹⁷			-	-	-	-	
TOTAL tal-approprijazzjonijiet Taħt I-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=1+3	0.350		270.0	0.450	270.8
	Pagamenti	=2+4	0.350		270.0	0.450	270.8

¹⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2020	2021	2022	2023	TOTALI
DĠ: ECFIN						
• Riżorsi umani		1.614	-	0.007	0.009	1.630
•Nefqa amministrattiva oħra		0.240	-	-	-	0.240
TOTAL tad-DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet	1.854	-	0.007	0.009	1.870

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)					
---	---	--	--	--	--	--

Miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2020	2021	2022	2023	TOTALI
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	2.204		270.007	0.459	272.670
	Pagamenti	2.204		270.007	0.459	272.670

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ↓	Tip ¹⁸	K o s t m e d j u	2020		2021		2022		2023		TOTALI	
			OUTPUT									
			Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁹ ...												
- Output	Valutazzjonijiet		5	0.350								
- Output	Dispożizzjoni tal-Fond ta' Garanzija					1	270.0					
- Output	Evalwazzjoni ex post							3	0.450			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1												
SPEJJEŻ TOTALI				0.350			270.0		0.450			270.8

¹⁸ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2020	2021	2022	2023	TOTALI
--	------	------	------	------	--------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani	1.614	-	0.007	0.009	1.630
Infq amministrattiv ieħor	0.240	-	-	-	0.240
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1.854	-	0.007	0.009	1.870

Barra l-INTESTATURA 5²⁰ tal-qafas finanzjarju pluriennali					
Riżorsi umani					
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva					
Subtotal 'il barra mill-INTESTATURA 5 of the multiannual financial framework					

TOTALI					
---------------	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²⁰ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	2020	2021	2022	2023
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)				
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	7.5		0.03	0.04
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)				
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)				
10 01 05 01 (Riċerka diretta)				
•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)²¹				
XX 01 02 01 (AC, END INT mill-"pakkett globali")	5.75		0.03	0.03
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)				
XX 01 04 yy ²²	- fil-Kwartieri Ġenerali			
	- fid-Delegazzjonijiet			
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)				
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)				
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)				
TOTALI	13.25		0.06	0.07

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DG li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riasenjat fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	<p>Direttur tal-ECFIN Dir. D: Jissorvelja u jimmaniġġja l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinnegozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-benefiċjarju, janalizza r-rapporti, imexxi missjonijiet u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità.</p> <p>Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D tal-ECFIN: Jassisti lid-Direttur fil-ġestjoni tal-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u mal-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-MtQ, jinnegozja l-MtQ u (flimkien ma' Dir. L) il-Ftehim tal-Faċilità tas-Self mal-awtoritajiet tal-benefiċjarju, jirrevedi r-rapporti u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kondizzjonalità.</p> <p>Ekonomisti tal-ECFIN, Settur MFA (Dir. D): Iħejji d-deċiżjoni u l-MoU, jikkoordina mal-awtoritajiet u l-IFIs, iwettaq missjonijiet ta' analiżi, jipprepara rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-maniġment tal-assistenza, jikkoordina ma' esperti esterni tal-valutazzjoni operazzjonali u l-ewalwazzjoni ex post.</p> <p>Direttorat E ta' BUDG (Unitajiet E1, E2 u E3 taħt is-superviżjoni tad-Direttur):</p>
-------------------------------	--

²¹ AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

²² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

	<p>Jipprepara l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA), jinneozzjah mal-awtoritajiet tal-benefiċjarju u jieħu ħsieb li jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Isegwi d-dħul fis-seħħ tal-LFA. Iħejji d-deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni(jiet) tas-self, isegwi l-preżentazzjoni tat-Talba/iet għal Fondi, jagħżel il-banek, iħejji u jeżegwixxi t-tranżazzjoni(jiet) ta' finanzjament u jiżborża l-fondi lill-benefiċjarju. Iwettaq attivitajiet ta' back-office biex isegwi r-rimborż tas-self Iħejji rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet.</p>
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Year N	Year N+1	Year N+2	Year N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTALI
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati						

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- fuq ir-riżorsi proprji
- fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²³					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		Year N	Year N+1	Year N+2	Year N+3			
Artikolu.....								

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/l-linji baġitarja/baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

²³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.